MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Numru. 385/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Clint Scicluna iben Raymond u Joan nee` Cacciattolom, imwieled Pieta nhar it-22/08/1986, residenti 148, April, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, ID card nr. 406286M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li giet akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fl-24 ta’ Novembru 2007 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data;

Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga 'msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll kiser kundizzjoni mghotija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-04 ta' Lulju 2007 mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D, liema sentenza saret definitiva.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'

Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-multa ta’ hames mitt euro (€500) liema multa tista’ tithallas f’rati mensili ta’ mitt euro fix-xahar (€100).

Wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tittratta mal-hati dwar is-sentenza tal-4 ta’ Lulju 2007 u wara li rat l-artikoli 95 u 96, 338(ee)(bb) (dd), 339(1)(a) u 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat ghal-perjodu ta’ sena prigunera li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu operatttiv ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------